

# Mill-Album tat-Tieni Gwerra Dinjija

Kitba ta' Angelo Schembri

**Nota Editorjali**

*Wara li fil-ħarġa ta' tliet snin ilu, Pawlu Azzopardi ppublika studju fil-fond dwar l-effetti tat-Tieni Gwerra Dinjija f'Ħal Kirkop, dis-sena għamilna pass ieħor f'das-suġġett meta akkwistajna numru konsiderevoli ta' ritratti tal-ħsarat li saru fil-bini. Hekk wara li tgħarrafna bl-istorja, issa nistgħu ingawdu wkoll il-viżiv. Proprju 70 sena ilu, Ħal Kirkop, bħall-kumplament ta' Malta, kien fl-eqqel tal-ħruxija tal-attakki, jistenna li jisbaħ il-jum sabiħ tal-15 t'Awwissu 1942 - Solennità tal-Assunzjoni tal-Verġni Mbierka, biex permezz tal-Konvoj, ġustament imsejjaħ ta' Santa Marija, jieħu ftit tan-nifs u jittama li ser iżernaq mill-ġdid fuq din artna. Permezz ta' din in-Nota Editorjali, nixtieq nirringrazzja lil Kevin Azzopardi li kien strumentali għal din is-sejba u wkoll lil John A. Mizzi, Joe Caruana, Frederick Galea u Henry Demarco tal-għajnuna kbira u diżinteressata li sibna mingħandhom. Peress li għandna numru sabiħ minn dawn ir-ritratti, ħsibna biex inqassmuhom f'diversi ħarġiet ta' din il-pubblikazzjoni.*

National War Museum Association



Ritratt storiku meħud minn fejn illum insibu Pjazza Żernieq li juri d-djar ta' Triq il-Kbira minn wara, bin-numri minn 39 sa 44 imwaqqgħin bil-bombi tal-għadu li ntefgħu nhar id-9 t'April 1942. Ir-ritratt huwa storiku għall-fatt li l-koppla tal-Knisja Parrokkjali għadha dik oriġinali, qabel ma theżżet bil-bombi fiż-żmien li qed insemmu, biex wara nħattet u ġiet mibnija dik preżenti.

National War Museum Association



Aktar devastazzjoni fil-bini bil-ħidma tal-għadu, din id-darba fuq djar bin-numri minn 21 sa 26 fi Triq il-Kbira. L-attakk ġara nhar it-8 ta' Marzu 1942. Dan huwa l-post fejn aktar 'il quddiem bnew id-dar tagħhom Ċensu Attard (il-Ħażna) u martu Anni, fost oħrajn. Id-dar li tidher fuq il-lemin tar-ritratt, hija dik li llum joqgħod fiha Wistin Axiaq (tal-Giżija), bin-niċċa sabiħa ta' San Ġużepp tħares fuq il-kumplament ta' Valletta Rd.



National War Museum Association

Dan ir-ritratt jolqot lis-Soċjetà Ġużeppina aktar mill-viċin għax huwa appuntu l-Każin li kellha qabel dak tal-lum. Biex wieħed jifhem eżatt, irid iqis li dik it-tabella ta' *Kirkop Square* kient imwaħħla mal-kantuniera tad-dar fejn illum toqgħod Ġulina Farrugia (tal-Mastrudaxxa). Id-dar li tidher imwaqqa' kienet isservi ta' Każin ta' San Ġużepp sal-1939, meta s-Soċjetà akkwistat il-post fejn ninsabu llum mingħand Toni Vassallo (Żnubri). Fi żmien il-Gwerra, f'din id-dar kienet toqgħod refuġjata minn Bormla, ċerta Lela. Imbagħad wara ġiet akkwistata mill-Familja Cassar (ta' Ġanni ta' Bent) li għadhom residenti hemm sal-lum. Wieħed ta' min jinnota l-arblu tiela fuq wara tal-Każin preżenti, li kien imwaħħal mat-turretta li kellu. Il-kruċetta kienet tissimbolizza anġlu bil-ġilju f'idu. L-indirizz kien 6, *Kirkop Square* (Piazza Maggiore). u l-attakk seħħ ukoll fid-9 t'April 1942.



National War Museum Association

Tiġrif fuq dar Numru 10 fi Triq San Benedittu, waqt attakk mill-ajru li sar fit-3 ta' Marzu 1942. Din hija d-dar fejn illum joqgħodu l-aħwa Maria Farrugia u Liena Mizzi (ta' Borom) u fuq il-lemin wieħed jista' jara dak li llum huwa *Shapes Stationery*.



National War Museum Association

Dehra oħra interessanti tar-raħal, f'ritratt meħud mill-wesgħa li nsibu bejn Triq San Benedittu, Triq San Leonardu u Triq l-Imdina. Mil-lemin jidhru d-dar fejn illum joqgħod Juan Debono (taċ-Ċombos), maġenbu li llum il-ġurnata huwa l-ħanut tad-Deterġenti JMG u d-djar tal-aħwa Żeppa Farrugia u MariKarm Busuttil (ta' Lebbet). Fil-post mnejn ittieħed ir-ritratt kien hemm razzett imsejjaħ Tal-Kexkux li safa meqrud bil-bombi tal-għadu.



National War Museum Association

Xena komuni fit-toroq Maltin matul il-5 snin li damet fis-seħħ it-Tieni Gwerra Dinjija. Did-darba qed naraw id-djar numri 23, 24 u 25 li kienu jinsabu fil-kantuniera ta' bejn Triq San Nikola u Triq il-Kbira, imġarrfa totalment. Id-dar li tidher maġenbhom hija dik li fiha llum joqogħdu l-Familji Ellul (tal-Kajju), u l-frontispizju u l-gastra li baqgħet sħiħa, għadhom hemm sal-lum. F'dan is-sit, illum il-ġurnata nsibu d-djar tal-għalliem Alex Busuttil, u d-dar li kienet residenza ta' Bendu Chircop (tat-Taċċ). Fuq il-lemin tidher Triq il-Kbira, iddominata kif sal-lum, mill-kampnar tal-Knisja Parrokkjali, u anke parti mill-koppla l-antika. L-attakk fuq din il-parti tar-raħal ġara nhar it-8 ta' Marzu tal-1942.



National War Museum Association



National War Museum Association

Ritratt ieħor interessanti ferm għas-Soċjetà tagħna li juri d-dar Numru 10/11 fi Triq San Nikola u l-ħsarat li ġarrbet fl-*air raid* ta' nhar id-29 ta' Diċembru 1941. Wieħed, jista' jinnota li kien hemm niċċa fil-faċċata u wkoll li kienet tinżamm karozza fir-remissa, li aktarx inqerdet fl-attakk ukoll. Din id-dar, madwar 140 sena ilu, kienet proprjetà tas-Sinjuri Giovanni u Rosanna Barbara, li kienu l-ġenituri tal-magħruf Mons. Mikiel Barbara. Din kienet l-ewwel dar li ssib fid-daħla ta' Ħal Kirkop min-naħa taċ-Ċimiterju, u minnha, fl-1884, ħarġet proċessjonalment l-Istatwa Artistika ta' San Ġużepp, biex tidħol għall-ewwel darba fil-Knisja Parrokkjali. Maż-żmien f'din id-dar, kien anke jinżamm xi armar ta' barra tal-Festa ta' San Ġużepp, fosthom l-arblu ċentrali tal-Pilandra l-Kbira li kienet tissejjaħ il-Farkizzana. Wara l-Gwerra, din id-dar inħattet u ġiet mibnija dik ta' llum, li tinsab f'idejn il-familja Vella, bħala eredi tal-Familja Barbara. Fir-ritratt iż-żgħir tidher l-istess dar mill-ġenb tat-Triq taċ-Ċimiterju.